



The Social Protection Committee

IL-MESSAĠĠ EWLENIN

Messaġġ 1: Matul l-aħħar deċennju, it-tkabbir ekonomiku u tax-xogħol tejjeb b'mod ġenerali l-istandards globali tal-għajxien u bosta gvernijiet setgħu jiddedikaw iktar riżorsi għall-intervent tal-politika soċjali. Madankollu, minkejja l-effett ċar ta' distribuzzjoni mill-ġdid tal-protezzjoni soċjali, ħafna drabi żdiedu l-inugwaljanzi u l-faqar u l-esklużjoni soċjali baqgħu kwistjonijiet prinċipali f'bosta pajjiżi tal-UE, għalkemm b'differenzi sostanzjali madwar l-Ewropa.

Ġeneralment, pajjiżi iktar għonja jonfqu l-biċċa l-kbira tal-PGD tagħhom fuq l-infiq soċjali u t-tkabbir ekonomiku ppermetta lil ħafna gvernijiet li jiddedikaw iktar riżorsi għall-interventi tal-politika soċjali. Madankollu, l-evidenza empirika¹ turi li l-inugwaljanzi tad-dħul żdiedu f'ħafna pajjiżi tal-UE sa min-nofs is-snin tmenin. Saret enfasi dwar dawn it-tendenzi fis-"Social Reality Stocktaking"². L-ikbar żidiet fl-inugwaljanzi sehew bejn nofs it-tmeninijiet u nofs id-disgħinijiet. F'dawn l-aħħar għaxar snin l-inugwaljanzi baqgħu stabbli, minbarra f'xi pajjiżi. Wara dawn l-evouzzjonijiet globali, ġew osservati tendenzi diverġenti flivelli differenti tad-distribuzzjoni tad-dħul. F'bosta pajjiżi, id-dħul fil-livelli għolja kiber b'ritmu iktar mgħaġġel mid-dħul fil-livelli medji. F'xi pajjiżi, id-dħul fil-livell baxx laħħaq mad-dħul medju, filwaqt li f'pajjiżi oħra l-inugwaljanzi twessgħu wkoll fit-tarf tad-distribuzzjoni.

Fattur kbir wara dan huwa **ż-żieda fl-inugwaljanza fid-dħul** fost il-ħaddiema full-time **msaħħa iktar bl-iżvilupp tal-kuntratti involuntarji part-time u temporanji**. Is-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol huwa determinant importanti taż-żieda fl-inugwaljanza fid-dħul mhux biss għax ħaddiema non-standard għandhom tendenza jaħdmu inqas sigħat fis-sena iżda wkoll għaliex huma ġeneralment imħallsa inqas fis-sieġha *wara li jkun li jitqiesu d-differenzi fl-edukazzjoni u l-esperjenza*. Id-dejta disponibbli għalhekk tissuġġerixxi li, f'bosta Stati Membri, *ceteris paribus*, hemm penali sostanzjali fuq il-paga għaliex tkun f'post tax-xogħol temporanju jew part-time.

Żdiedu ir-riskji tal-faqar relattiv fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri bejn nofs it-tmeninijiet u nofs id-disgħinijiet u fil-biċċa l-kbira tal-każijiet jew żdiedu jew inkella staġnaw bejn nofs id-disgħinijiet u nofs is-snin elfejn. Matul dan it-tieni deċennju jidher li kien hemm trasferiment fir-riskji tal-faqar mix-xjuħ għal nies iżgħar. **Il-faqar fit-tfal baqa' stabbli jew żdied** f'bosta pajjiżi tal-UE, filwaqt li r-riskji tal-faqar ġeneralment naqsu għax-xjuħ (għalkemm baqgħu flivelli relattivament għoljin f'xi Stati Membri) bħala konsegwenza tal-maturità tas-sistemi tal-pensjoni (fosthom ir-riformi tal-pensjonijiet minimi).

It-tfassil tas-sistema tal-benefiċċju tat-taxxi huwa kruċjali biex jiddetermina l-mod u sakemm taffettwa l-inugwaljanzi tad-dħul u d-distribuzzjoni mill-ġdid tar-riżorsi lill-fqar. Fatturi importanti jinkludu l-progress li sar fit-taxxi u l-benefiċċji u l-livell tal-miri u l-kondizzjonalità tal-benefiċċji li jistgħu jgħolqu effetti diżinċentivi, jekk jitfasslu ħażin. Fil-

¹ Evidenza ġejja minn "Nikbru b'mod mhux ugwali?" Rapport tal-OECD <http://www.criss-ineq.org> u mill-proġett ta' riċerka INEQ ffinanzjat mill-KE http://www.oecd.org/document/53/0,3343,en_2649_33933_41460917_1_1_1_1.00.html

biċċa l-kbira tal-pajjiżi, l-effetti tad-distribuzzjoni mill-ġdid tal-benefiċċji huwa ikbar minn dak tat-taxxi (notevolment meta jiġu esklużi l-pensjonijiet). L-evidenza disponibbli tenfasizza varjazzjoni kbira madwar l-Istati Membri fl-appoġġ fil-flus kontanti netti lid-djar li għandhom dħul baxx (li jibdeu mill-valur minimu ta' 20 % sal-valur massimu ta' 87 % tad-dħul disponibbli tal-ifqar grupp deċili fl-Istati Membri differenti). Id-dejta tal-UE turi li t-trasferimenti soċjali minbarra l-pensjonijiet effettivament inaqqsu r-riskji tal-faqar iżda sakemm dawn jistgħu jagħmlu dan ivarja sostanzjalment minn Stat Membru għall-ieħor (minn effett ta' tnaqqis ta' faqar ta' 50 % jew iktar f'xi pajjiżi għal pajjiż b'19 % jew inqas f'oħrajn). Dan jirrifletti wkoll id-differenzi fid-daqs tal-ispiża, li jvarjaw minn 12 % sa 30 % tal-PGD. Se jkun hemm bżonn ta' iktar xogħol biex wieħed jifhem aħjar id-determinanti tal-effiċjenza u l-effikaċja tas-sistemi tal-benefiċċji tat-taxxa.

F'dawn l-aħħar snin (2005-2007), huwa biss f'pajjiżi li jesperjenzaw rati ta' tkabbir għolja ħafna kull sena (l fuq minn 5 %) li ġie osservat titjib sinifikanti fl-istandards tal-ħajja tal-foqra (kif jidher fir-rati ankrati ta' dawk fir-riskju tal-faqar jew deprivazzjoni materjali). F'dawn il-pajjiżi, it-tkabbir jidher tabilħaqq li għen lill-foqra. Għall-pajjiżi b'rati ta' tkabbir medji taħt il-5 % il-kundizzjonijiet tat-tkabbir nexus tal-fqar huwa inqas ċar. B'mod ġenerali, it-tkabbir ekonomiku iffaċilita t-"tnaqir" taż-żoni ta' deprivazzjoni severa, partikolarment (iżda mhux biss) fl-Istati l-Membri l-ġodda, iżda l-faqar relattiv ma naqasx u anke żdied f'xi pajjiżi li tradizzjonalment kienu jagħtu "prestazzjoni tajba".

Messaġġ 2: Ix-xogħol jibqa' l-aħjar salvagwardja kontra l-faqar u l-esklużjoni. Madankollu, iż-żidiet riċenti fl-impieg ma laħqux biżżejjed lil dawk l-iktar imbiegħda mis-suq tax-xogħol, u x-xogħolijiet mhux dejjem irnexxielhom jaqilgħu lin-nies mill-faqar. Xi gruppi għadhom qed jiffaċċjaw ostakoli speċifiċi bħall-aċċess fqir għat-taħriġ għal dawk b'inqas ħila, in-nuqqas ta' servizzi ta' għajjuna, jew tfassil fqir ta' benefiċċji li jgħidli diżinċentivi finanzjarji. Għad hemm segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol flimkien ma' nuqqas fil-kwalità tax-xogħol. L-iżvilupp ta' tipi prekarji ta' impieg, spiss ikkaratterizzati minn dimensjoni qawwija ta' sess ikkontribwixxa għal-livelli persistentement għoljin ħafna ta' faqar fost in-nies li jaħdmu. Jeħtieġ li nitgħallmu minn dawn il-fatti meta l-prevenzjoni tal-kriżi tiggrava b'mod konsiderevoli l-esklużjoni persistenti. L-istrateġiji attivi ta' inklużjoni mhumiex biss kruċjali biex jappoġġjaw dawk l-iktar vulnerabbli fil-kriżi, iżda wkoll biex jillimitaw it-telf għall-kapital uman u jippreżervaw il-potenzjal ta' tkabbir fil-ġejjieni.

Filwaqt li jirrikonoxxi l-benefiċċji globali ta' parteċipazzjoni usa' fis-suq tax-xogħol, ir-rapport jenfasizza għadd ta' tendenzi ewlenin li juru li t-tkabbir tal-impieg mhux dejjem laħaq dawk l-iktar esklużi u li l-postijiet tax-xogħol li nħalqu mhux dejjem pprovdew għal standards ta' għajjien diċenti.

Sar progress sinifikanti biex jitolgħu r-rati ta' impieg madwar l-Ewropa, speċjalment għan-nisa u wkoll biex ireġġgħu lura t-tendenzi negattivi bħan-nuqqas f'daqqa tal-partiċipazzjoni ta' ħaddiema iktar xjuħ. Tabilħaqq, ir-rati tal-qgħad tnaqqsu b'mod sinifikanti fl-UE (minn 8.6 % fl-2000 għal 7.1 % fl-2007) u l-partiċipazzjoni li kull ma tmur dejjem tiżdied ta' nisa' li jaqilgħu paga komplementarja u ta' ħaddiema ikbar fl-età (notevolment permezz tad-disponibilità tax-xogħol part-time) għenet biex żżid id-dħul ta' ħafna familji.

Madankollu, fil-bidu tal-kriżi, xi terz tal-popolazzjoni ta' nies fl-età tax-xogħol fl-UE kienet mingħajr xogħol (qiegħda jew mhux attivi). Barra minn hekk, l-evidenza turi li ż-żidiet fir-rati tal-impiegi osservati fil-pajjiżi kollha tal-UE qabel il-kriżi eżistew flimkien ma' **għadd**

sinifikanti ta' ħaddiema f'xogħlijiet prekarji, mal-ħaddiema foqra u mal-familji bla xogħol. Il-limitazzjonijiet fl-għadd ta' persunal u tipi ta' kuntratti prekarji jnaqqsu l-impatt pożittiv li jinkludu iktar nies fis-suq tax-xogħol. Familji b'persuna waħda jew ġenitur wieħed li kibru fl-għadd tagħhom fl-aħħar deċenni għandhom it-tendenza li jkunu iktar vulnerabbli fis-suq tax-xogħol.

L-esperjenza ta' dan l-aħħar deċennju kkonferma li t-titjib fl-aċċess għal impiegi ta' kwalità tajba jgħin biex joħroġ in-nies mill-faqar. Li wieħed ikollu impieg jibqa' l-aħjar salvagwardja kontra l-faqar u l-esklużjoni, billi r-riskju tal-faqar iffaċċjat minn adulti fl-età tax-xogħol li jkunu mingħajr xogħol (qiegħda je mhux attivi) huwa iktar minn tliet darbiet ogħla minn dawk li qegħdin jaħdmu (27 % kontra 8 %). Madankollu, l-impieg ma jikkostitwixxix dejjem garanzija kontra r-riskju tal-faqar u l-**ħaddiema foqra** jirrappreżentaw terz mill-popolazzjoni ta' adulti fl-età tax-xogħol fir-riskju tal-faqar. Fl-2007, 8 % tan-nies li kienu qed jaħdmu kienu qed jgħixu taħt il-limitu tal-faqar. Il-faqar ta' nies b'xogħol huwa mqabbel mal-qagħda tal-impieg ta' individwi bħal paga baxxa, ħiliet baxxi, impieg prekarju u limitazzjoni fl-għadd tal-persunal. Mis-sena 2000, **l-iżvilupp ta' xogħol temporanju, xogħol part-time** (fosthom part-time volontarju) u xi kultant **pagi staġnati żiedu l-għadd ta' individwi bi qligħ annwali baxx.** Dawn it-tendenzi jaffettwaw b'mod partikolari n-nisa u ż-żgħażaġh. Huwa importanti wkoll li wieħed jinnota li għal xi wħud mill-ħaddiema, dawn il-postijiet tax-xogħol mhumiex pass il-quddiem għal xogħlijiet aħjar.

Fuq kollox, is-sitwazzjonijiet ta' faqar huma marbuta wkoll mat-tip ta' familja li jinsabu fiha l-individwi. Il-faqar ta' nies b'xogħol huwa ta' spiss irrelatat mal-intensità baxxa tax-xogħol, jiġifieri sitwazzjonijiet fejn ikun hemm wisq ftit adulti li qed jaħdmu fil-familja, jew li mhux qed jaħdmu biżżejjed biex ilaħħqu mal-ħajja (wisq ftit sigħat jew parti biss mis-sena). Familji ta' persuna waħidha jew ta' ġenitur wieħed, kif ukoll familji li għandhom wieħed biss jaħdem jiffaċċjaw l-ogħla riskji ta' faqar.

Dan l-aħħar deċennju baqgħu jippersistu **gruppi ta' nies li baqgħu barra jew fil-marġini tas-suq tax-xogħol**, li ta' spiss jiffaċċjaw ħafna ostakoli biex jidħlu fis-suq tax-xogħol (fost dawn hemm il-ħiliet baxxi, ir-reponsabbiltajiet ta' kura, l-età, l-isfond ta' migrazzjoni, u fatturi oħra ta' diskriminazzjoni, eċċ.). L-aġar sitwazzjonijiet jikkonċernaw dawk il-familji fejn ħadd ma jaħdem. Fl-2007 fil-UE 27, 9.3 % tal-adulti fl-età tax-xogħol kienu qed jaħdmu f'familji fejn ħadd ma jaħdem kontra l-10.2 % fl-2001. Dan il-progress ma laħaqx familji bit-tfal bl-istess mod u fl-2007, 9.4 % tat-tfal kienu għadhom jgħixu **f'familji fejn ħadd ma jaħdem** kontra d-9.5 % fl-2001 u l-kriżi x'aktarx sejra żżid l-għadd ta' familji li jkollhom jistrieħu għal kollox fuq il-benefiċċji soċjali.

It-tkabbir fl-impiegi ġie xprunat prinċipalment minn żieda tal-parteciċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol u sa ċertu punt mill-ħajja tax-xogħol imtawla ta' ħaddiema ikbar fl-età. Madankollu, f'ħafna pajjiżi **n-nisa li huma l-iktar imbiegħda mis-suq tax-xogħol** (ommijiet waħdihom, dawk ta' ftit ħila, eċċ) għadhom jiffaċċjaw ostakoli importanti biex isibu xogħol, u xogħol imħallas (nuqqas ta' min jieħu ħsieb it-tfal jew ta' kura ta' xi dipendenti oħra, part-time involontarju, nuqqas ta' miżuri rikonċiljazzjoni). Is-sitwazzjoni tal-**migranti** bilkemm tjebet matul il-perjodu. B'mod partikolari, il-migranti mill-pajjiżi ospitanti għal ħafna snin għandhom rati ta' impieg ħafna iktar baxxi mill-popolazzjoni indiġena, anke fost it-tieni ġenerazzjonijiet. Il-kriżi kurrenti għandha mnejn taggrava b'mod konsiderevoli il-qagħda ta' dawn il-ħaddiema li kienu diġà vulnerabbli qabel il-kriżi.

Esperjenzi nazzjonali minn kriżijiet tal-passat juru li f'xi każijiet reazzjonijiet fuq medda qasira ta' żmien għal żidiet fin-nuqqas ta' impieg ma rriżultawx biss f'irtirar mis-suq tax-

xogħol iżda kellhom ukoll impatti negattivi fil-medda taż-żmien fit-tul fuq is-soċjetà sħiħa. **Stokkijiet ta' impieg fit-tul jew inattivi għandhom ħabta jippersistu ħafna wara jkun beda l-irkupru** u dan jenfasizza l-importanza tal-**politiki attivi tas-sigurtà soċjali**. Fost l-impatti fit-tul tal-kriżi osservati f'xi pajjiżi huwa l-għadd ta' nies li kull ma jmur dejjem qed jikber li qed jidħlu għal benefiċċji ta' mard fit-tul u ta' diżabilità, jew skemi ta' rtirar kmieni. Minn dawn in-nies, bosta x'aktarx li qatt ma jidħlu jew jirritornaw fis-suq tax-xogħol.

Reviżjoni tal-iżviluppi ewlenin ta' politika li għandhom l-għan li jindirizzaw it-tendenzi deskritti hawn fuq turi li sar xi progress fit-titjib ta' miżuri ta' attivazzjoni madwar il-pajjiżi tal-UE, iżda hemm hteġa ta' sforz ikbar biex jintlaħqu l-ħaddiema vulnerabbli, speċjalment għall-aċċess għat-Tagħlim Tul il-Ħajja, billi l-evidenza turi li dawk bi ftit ħila qed ikomplu jipparteċipaw f'ħafna inqas taħriġ mill-ħaddiem medju. Dan jenfasizza l-importanza ta' investimenti kontinwi fl-edukazzjoni u t-taħriġ. Ir-reviżjoni turi wkoll li jinħtieġu miżuri speċifiċi ta' attivazzjoni biex jintlaħqu kategoriji differenti ta' ħaddiema: żgħażaġh, nisa, (kura tat-tfal u riforma tal-appoġġ għall-familja), ħaddiema ikbar fl-età.

L-analiżi turi wkoll li filwaqt li sar xi **progress fit-tnaqqis ta' diżinċentivi finanzjarji** biex jinbeda xi xogħol jew biex in-nies jaħdmu iktar, għandha tingħata **attenzjoni għall-adeqwatezza tal-benefiċċji**, speċjalment fl-Istati Membri b'nuqqasijiet kbar u lakuni fil-miżuri ta' sikurezza tagħhom. Dan juri li ż-żewġ għanijiet jeħtieġu li jiġu segwiti fl-istess żmien. Barra minn hekk, id-diżinċentivi finanzjarji mhumiex l-uniċi ostakoli għall-parteeipazzjoni tas-suq tax-xogħol, is-servizzi ta' appoġġ individwalizzati u adegwati għandhom rwol ewleni. Finalment, l-inadeqwatezza tal-miżuri ta' sikurezza mhumiex biss il-kawża għal persistenza ta' faqar, iżda wkoll ostakolu għall-integrazzjoni mill-ġdid fis-suq tax-xogħol u s-soċjetà.

Ir-rapport juri li hemm bżonn li jsir sforz ikbar biex jiġi żgurat li s-swieq tax-xogħol tal-UE huma verament inklużivi u jwasslu għal koeżjoni soċjali ikbar. Sabiex jintlaħqu dawk l-iktar vulnerabbli, mingħajr ma neċesserjament jiżdied l-infiq, l-effettività tal-miżuri deskritti hawn fuq tista' tiġi msaħħa mill-ġdid jekk dawn jiġu **integrati fl-istrateġiji ta' inklużjoni attiva**.

Messaġġ 3: Deċenni ta' riformi tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali tejbju s-sostenibilità finanzjarja fit-tul. Madankollu, għad iridu jiġu solvuti kwistjonijiet dwar l-aċċessibilità u l-adeqwatezza tal-protezzjoni soċjali. Ir-rati ta' impieg ogħla, il-ħajja itwal fix-xogħol, u ż-żieda fl-aspettattivi tal-għomor fis-saħħa se jkollhom rwol importanti biex jiżguraw kemm l-adeqwatezza kif ukoll is-sostenibilità tal-protezzjoni soċjali. Fil-każ tal-pensjonijiet dan japplika kemm għal skemi ffinanzjati kif ukoll għal skemi fejn tħallas int u għaddej. Għandhom ikomplu l-isforzi biex jiġu mmodernizzati l-funzjonijiet kollha tal-protezzjoni soċjali biex jiżguraw l-aċċess għas-servizzi ta' kwalità għal kulħadd filwaqt li jikkontribwixxu għall-effiċjenza tal-infiq pubbliku. Notevolment, il-modernizzazzjoni fil-kura tas-saħħa u l-kura fit-tul jistgħu jtejbju s-saħħa tal-popolazzjoni kollha u tal-forza tax-xogħol.

Il-limitu safejn is-sistemi ta' protezzjoni soċjali jinkoraġġixxu l-inklużjoni soċjali u attiva hekk kif tixjieħ il-popolazzjoni kien element vitali fir-riformi tal-passat. Dawk il-pajjiżi li jonfqu l-bieċa l-kbira tal-PGD tagħhom fuq l-infiq soċjali u t-tkabbir ekonomiku ippermettew bosta gvernijiet biex jiddedikaw iktar riżorsi għal interventi ta' politika soċjali. Il-pensjonijiet għax-xjuħ u l-benefiċċji għall-mard u l-kura tas-saħħa jirrappreżentaw il-bieċa l-kbira tal-infiq fl-Istati Membri kollha tal-UE. F'dawn l-aħħar snin l-SPC wettaq xogħol analitiku importanti

li jiffoka fuq l-adegwatezza u l-universalità tal-protezzjoni, is-sostenibilità tas-sistemi, u l-ħtieġa biex dawn iż-żewġ għanijiet jiġu bbilanċjati permezz tal-modernizzazzjoni.

Il-pensjonijiet jirrappreżentaw bil-bosta l-ikbar oġġett ta' nfiq ta' protezzjoni soċjali (46 % fl-2006). Fis-snin li għaddew, l-Istati Membri rriformaw is-sistemi ta' pensjonijiet tagħhom billi ssikkaw l-eliġibilità għall-pensjonijiet pubbliċi, billi naqqsu l-livelli pproġettati ta' pensjonijiet relattivi għall-pagi, żiedu l-inċentivi biex l-individwu jaħdem iktar u iktar fit-tul u billi żiedu r-rwol tal-proviżjoni tal-pensjonijiet immaniġġjati privatament. B'riżultat ta' dan, għalkemm l-effett tal-bidla demografika fl-assenza tar-riformi jista' jżid l-infiq għall-pensjonijiet pubbliċi b'madwar 9 punti perċentwali tal-PGD tal-UE bejn l-2007 u l-2060, ir-riformi ta' dan l-aħħar tas-sistemi tal-pensjonijiet huma mistennija li jnaqqsu din iż-żieda għal biss 2.4 punti perċentwali, biex b'hekk in-nefqa pproġettata tilħaq it-12.5 % tal-PGD fl-2060.

Bħala konsegwenza tar-riformi, ir-rwol tal-benefiċċji tal-pensjonijiet pubbliċi fil-provvediment ġenerali tal-pensjonijiet għandu jonqos, għalkemm il-pensjonijiet pubbliċi huma mistennija li jibqgħu l-ikbar sors ta' dħul għall-pensjonanti fl-Istati Membri kważi kollha barra xi wħud. Ir-rati ta' sostituzzjoni teoretiċi li jirriflettu l-livelli ta' pensjonijiet relattivi għall-aħħar pagi li nġataw, huma mistennija li jaqgħu fuq medja b'ħafna punti perċentwali, u xi Stati Membri għandhom jirreġistraw tnaqqis ta' madwar 20 punt perċentwali. Dan l-impatt negattiv fuq l-adegwatezza tal-pensjonijiet jista' jtipatta parzjalment bl-estensjoni tal-ħajja tax-xogħol, permezz tat-titjib tal-abbiltà u l-opportunitajiet għall-ħaddiema kollha li jibqgħu fix-xogħol, billi tissaħħa id-disponibilità tal-kontribuzzjonijiet u bit-titjib tal-maniġment finanzjarju u amministrattiv tas-sistemi tal-pensjonijiet. Pereżempju, sentejn addizzjonali ta' kontributi jistgħu jgħollu r-rati ta' sostituzzjoni teoretika fil-maġġoranza tal-Istati Membri b'erba' sa disa' punti perċentwali u jgħinu biex inaqqsu l-lakuna ta' adegwatezza u t-tensjoni fit-triangolu tal-kontribuzzjonijiet li qed jiżdiedu u l-infiq li qed jonqos. Ir-rati ta' sostituzzjoni minn pensjonijiet privati huma wkoll mistennija li jiżdiedu hekk kif jiżdiedu dawn il-pensjonijiet bħala reazzjoni għall-bidliet demografiki u għal bidliet ta' popolazzjoni li kull ma tmur dejjem qed tixjieħ. Il-kriżi ekonomika kurrenti u l-istudji tal-passat madankollu enfasizzaw il-ħtieġa li jiġi ssorveljat ir-riskju involut b'pensjonijiet bħal dawn għal diversi gruppi soċjoekonomiċi u enfasizzaw ir-relevanza ta' pensjonijiet minimi suffiċjenti.

Is-sistemi tal-kura tas-saħħa u tal-kura fit-tul huma t-tieni l-ikbar komponent tal-protezzjoni soċjali u d-disponibilità, l-affordabilità u l-kwalità tas-saħħa jistgħu jinfluwenzaw il-probabbiltà li wieħed jegħleb il-mard, jevita l-mortalità u jiżgura għajxien indipendenti. It-titjib konsiderevoli fl-istatus tas-saħħa tal-popolazzjoni tal-UE fid-deċenni riċenti ġie assoċjat ma' kura tas-saħħa iktar disponibbli għal kulħadd, jiġifieri s-sehem li kull ma jmur dejjem jikber ta' riżorsi ddedikati lil sistemi ta' kura tas-saħħa u għal distribuzzjoni iktar ġusta ta' dawn ir-riżorsi. Ġie rikonoxxut ukoll li s-saħħa tikkontribwixxi għal prosperità ekonomika billi ttejjeb il-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol u ttejjeb il-produttività kif ukoll iżżid il-parteċipazzjoni f'attivitajiet soċjali oħra.

Madankollu, l-**inugwaljanzi tas-saħħa** jeżistu bejn l-Istati Membri differenti tal-UE u bejn il-gruppi soċjali fi ħdan l-Istati Membri u dawn **żdiedu fid-deċenni riċenti**. Dan huwa dovut parzjalment għall-fatt li xi sistemi tal-kura tas-saħħa għandhom nuqqas ta' riżorsi u f'bosta pajjiżi, diversi ostakoli finanzjarji u organizzattivi jipprevjenu l-aċċess għal-kura tas-saħħa f'waqtu u effettiv għal xi gruppi mill-popolazzjoni. Huwa importanti wkoll li wieħed jinnota li l-livelli għolja ta' nuqqas ta' saħħa f'oqsma tal-popolazzjoni tal-UE jimplikaw spejjeż ta' opportunità sostanzjali għall-Unjoni billi huma detrimental għall-impieg, il-produttività u t-tkabbir. In-nuqqas ta' saħħa li tista' tiġi evitata tqiegħed pressjoni bla bżonn fuq il-baġits pubbliċi.

Minkejja dan, in-nefqa żdiedet matul iż-żmien u minħabba ż-żieda fix-xjuħija, u t-teknoloġija u l-aspettattivi li qed jiżdiedu qed joħolqu iktar pressjoni fuq ir-riżorsi. Mingħajr investimenti f'miżuri ta' prevenzjoni, l-infiq pubbliku fuq il-kura tas-saħħa huwa pproġettat li jikber b'1.5 % punti perċentwali tal-PGD fl-UE bejn l-2007 u l-2060. L-evoluzzjoni tal-infiq fil-futur għandu jiddependi fuq maniġment effettiv u l-ibbilanċjar tal-infiq u l-benefiċċji tal-avvanz teknoloġiku, kif ukoll li jinkiseb valur aħjar għal flus permezz ta' kura primarja, prevenzjoni u promozzjoni tas-saħħa msaħħa, u permezz ta' koordinazzjoni aħjar u l-użu razzjonali ta' riżorsi.

Billi l-popolazzjoni kull ma tmur dejjem qed tixjieħ, il-kura fit-tul ġiet identifikata bħala kwistjoni importanti fl-ambitu tal-protezzjoni soċjali. Is-servizzi tal-kura tas-saħħa u tal-kura fit-tul huma dipendenti fuq għadd suffiċjenti ta' persunal kemm b'kapaċitajiet għolja kif ukoll baxxi u jirrappreżentaw opportunità għall-ħolqien ta' xogħol fis-setturi tas-saħħa.

Kien hemm ukoll xi modernizzazzjoni f'oqsma oħra tal-protezzjoni soċjali biex tittejjeb il-kopertura ta' riskji ġodda u tittejjeb ir-reazzjoni tas-sistema, jew, pereżempju billi żżid l-ispejjeż ta' miżuri attivi tas-suq tax-xogħol, jew billi jiġu indirizzati d-dizincementi finanzjarji biex jinbeda xi xogħol jew biex isir iktar xogħol (ara l-messaġġ numru 2). Billi jeħtieġ li l-isforzi ta' modernizzazzjoni jkomplu fil-funzjonijiet kollha tal-protezzjoni soċjali biex jittejjeb l-aċċess effettiv għal dawk li jeħtieġu dan f'mod sostenibbli, huwa vitali li jiġu ssorveljati b'mod estensiv id-diversi sistemi ta' benefiċċju ta' protezzjoni soċjali.

Messaġġ 4: Is-sistemi ta' protezzjoni soċjali jistgħu jkollhom rwol kruċjali bħala stabilizzaturi awtomatiċi biex iżommu l-kapaċità produttiva tal-ekonomija. Madankollu, l-Istati Membri huma f'pożizzjonijiet differenti ħafna biex jiffaċċjaw il-kriżi. F'xi pajjiżi, hemm dgħufiji sinifikanti u lakuni fil-miżuri ta' sikurezza soċjali. F'oħrajn b'sistemi maturi ta' protezzjoni soċjali li jtaffu l-impatt tal-kriżi, hija s-sostenibilità finanzjarja li tiġi ddubitata fl-aħħar mill-aħħar. Il-pajjiżi li qed jiffaċċjaw żbilanċi finanzjarji pubbliċi kbar qed jitħallew b'inqas spazju għal manuvrar biex jindirizzaw il-konsegwenzi soċjali tal-kriżi. Dan jagħti lok għal tħassib partikolari għal dawk li għandhom livelli baxxi ta' protezzjoni.

Il-promozzjoni tal-parteciċipazzjoni fis-suq tax-xogħol filwaqt li ttejjeb l-imparzjalità, l-effiċjenza u l-effettività tal-infiq soċjali se tkun kruċjali għall-pajjiżi kollha, kemm biex tiżgura il-kontraciklikità lejn it-tkabbir ekonomiku kif ukoll biex tindirizza l-iżbilanċi fiskali.

Matul dawn l-aħħar 50 sena, speċjalment bejn il-bidu tas-sebgħinijiet u d-disgħinijiet, rajna **żieda strutturali fis-sehem tal-infiq tal-protezzjoni soċjali** bħala persentaġġ tal-PGD fl-Istati Membri. Hemm bosta raġunijiet li wasslu għal din it-tendenza. L-ewwel nett, is-sistemi ta' protezzjoni soċjali qed jimmaturow u l-kopertura qed tiżdied. It-tieni nett, ġew introdotti tipi ġodda ta' benefiċċji – kif ġara bil-benefiċċji tal-familja, il-benefiċċji tat-tfal u l-benefiċċji tal-kura fit-tul. It-tielet nett, bidliet demografiċi, soċjali u ekonomiċi (eż. l-evoluzzjoni tal-istruttura tal-familja) jistgħu jżidu d-domanda għall-protezzjoni soċjali anke fil-kuntest ta' twaqqif kontinwu ta' sistemi ta' protezzjoni soċjali. Ir-raba' nett, it-tendenzi relattivi tal-prezzijiet kif ukoll ir-regoli ta' indiċjar jistgħu jwasslu għal żidiet fil-medda twila ta' żmien jew tnaqqis fis-sehem tal-PGD ddedikat lill-protezzjoni soċjali – prinċipalment fil-qasam tal-kura tas-saħħa. Il-ħames, l-ineffiċjenzi fil-proviżjoni u n-nuqqas ta' limiti ċari fil-baġit u responsabilità jistgħu jikkontribwixxu għal żieda fl-infiq fuq medda twila ta' żmien.

Finalment, nistgħu nosservaw **effett isteresi meta tippersisti ż-żieda fil-qgħad fuq medda qasira ta' żmien li twassal għal esklużjoni fit-tul mis-suq tax-xogħol.**

L-effett imsemmi l-aħħar iseħħ meta jkun hemm irkupru fis-suq tax-xogħol u l-qiegħda ma jintegrawx mill-ġdid fis-suq tax-xogħol u jispiċċaw qiegħda għal żmien twil jew bil-benefiċċji ta' inkapaċità jew irtirar kmieni.

Analiżi tal-evoluzzjoni tal-infiq soċjali u tad-defiċit pubbliku kontra ċ-ċiklu ekonomiku juru sakemm l-infiq soċjali huwa kontraċikliku, kemm fi żminijiet ħżiena kif ukoll fiż-żminijiet tajba. **L-infiq tal-protezzjoni soċjali jista' jkun xi ftit jew wisq reattiv għaċ-ċiklu ekonomiku.** L-ewwel nett, xi każijiet wrew li r-reattività għaċ-ċiklu tista' tikber jew tonqos bit-tfassil tar-regoli dwar l-għoti ta' tipi differenti ta' benefiċċji. Il-kriterji ta' eliġibilità u l-livelli ta' benefiċċji jaffettwaw b'mod ċar l-użu tal-benefiċċji. It-tieni nett, ir-relazzjoni tal-infiq tal-protezzjoni soċjali bi tkabbir ekonomiku jiddependi fuq kemm it-tkabbir qed joħloq impieg.

L-imġiba antiċiklika fl-infiq soċjali tgħin biex iżżomm il-kapaċità produttiva tal-ekonomija billi tħalli spazju għal manuvrar friċessjoni. L-imġiba antiċiklika fl-infiq pubbliku, speċjalment fuq infiq soċjali, hija importanti għall-irkupru ta' ekonomija friċessjoni. Madankollu, kif jonqos il-PGD, ħafna drabi jkun hemm iktar pressjoni fuq il-bilanċi tal-baġit tal-Gvern, u b'hekk dan jenfasizza l-kwistjoni ta' kif għandhom jiġu ffinanzjati ż-żidiet fl-infiq filwaqt li jiġi evitat li jiżdiedu d-defiċits. Iż-żidiet fl-infiq tal-protezzjoni soċjali għandhom jidhru bħala parti mill-pakkett ta' rkupru, iktar milli karatteristika permanenti, u b'hekk jaġixxu bħala stabbilizzatur awtomatiku. L-effetti esterese u d-defiċit fiskali persistenti li jakkumulaw matul is-snin għalhekk jistgħu jiġu evitati.

Il-pajjiżi b'sistemi ta' protezzjoni soċjali maturi fejn l-infiq soċjali jiżdied filwaqt li jiżdied il-qgħad u jonqos sostanzjalment wara, għandhom tendenza wkoll juru pożizzjonijiet fiskali sodi. Fil-pajjiżi fejn l-istabbilizzaturi għamlu xogħolhom sew fiż-żminijiet tal-kriżi iżda l-infiq soċjali ma tnaqqasx b'mod sinifikanti fiż-żminijiet tajba, il-qagħda fiskali hija inqas favorevoli. F'pajjiżi oħra, l-infiq soċjali ma jurix relazzjoni qawwija maċ-ċiklu tan-negożju, u pjuttost żdied b'mod konsistenti mit-tmeninijiet li jirrifletti l-binja tal-istat soċjali. Oħrajn użaw l-aħħar perjodi tar-rati baxxi ta' impieg biex itejbu l-miżuri tas-sikurezza tagħhom u jindirizzaw rati għolja ta' faqar billi tejbu s-sitwazzjoni ta' dawk li kienu esklużi l-iktar mis-suq tax-xogħol. F'bosta pajjiżi, saru sforzi biex jiġi indirizzat in-nuqqas ta' inċentivi biex wieħed jidħol fis-suq tax-xogħol permezz ta' trasferimenti adegwati, politiki tas-suq tax-xogħol attivi u bilanċ bejn id-drittijiet u l-obbligi.

Fl-istess waqt, l-analiżi turi li hemm **lakuni sostanzjali fil-kopertura u l-adegwatezza f'għadd ta' Stati Membri**, li turi li hemm hteġa biex jitkomplew u/jew biex jissaħħu s-sistemi ta' protezzjoni soċjali, inkluż l-appoġġ għall-qiegħda, l-aċċess għall-kura tas-saħħa għall-kulħadd u biex ikunu żgurati benefiċċji adegwati ta' rtirar inkluż għal dawk kollha b'karrieri non-standard. F'proċess bħal dan huwa importanti li nitgħallmu mill-iżbalji tal-passat u jinħolqu sistemi ta' protezzjoni li jinkoraġġixxu parteċipazzjoni attiva u jkopru r-riskji soċjali ċentrali.

L-analiżi tiddokumenta li l-Istati Membri ħadu passi lejn it-tfassil mill-ġdid tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali sabiex jinkoraġġixxu l-attività u l-inklużjoni. Madankollu, huwa wkoll ċar li prestazzjoni ekonomika tajba hija prekondizzjoni għal sistemi ta' protezzjoni soċjali li jaħdmu sew, Il-prestazzjoni fl-impieg tajjeb dejjem kien kruċjali għas-sostenibilità tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali iżda bis-swieq tax-xogħol miftuħa li fihom dejjem qed jiżdiedu nies ikbar fl-età li jattiraw dawk li għadhom sottorappreżentati fl-impieg qed isiru essenzjali.

Għalhekk il-modernizzazzjoni tal-protezzjoni soċjali teħtieġ li tmur id f'id ma' progress rapidu bi strateġiji effettivi għat-tkabbir u xogħlijiet iktar u aħjar.

* * *

Waqt diskors dwar il-kura tas-saħħa, il-President tal-Istati Uniti Obama dan l-aħħar qal "Jekk irnexxielhom l-Ewropej, għaliex ma nistgħux nagħmluha aħna wkoll?" Tabilħaqq, dan ir-rapport ibbażat fuq l-esperjenza konġunta tas-27 Stat Membru li jaħdmu fil-kuntest tal-MMK (OMC) soċjali juri li l-Ewropej jistgħu jkunu kburin bil-kisbiet tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali tagħhom. Mhux biss li huwa kkontribwixxa sinifikament billi evita li l-kriżi ekonomika u finanzjarja tinbidel f'diżastru politiku; iżda huwa għadda, flimkien mal-Istrateġija ta' Liżbona sħiħa, modernizzazzjoni fil-fond. Madankollu, il-protezzjoni soċjali mhix biżżejjed biex tillimita jew tipprevjeni l-faqar u l-esklużjoni. Li wieħed ikollu x-xogħol jibqa' l-aħjar salvagwardja kontra l-faqar u l-esklużjoni, li f'dan is-sens jikkonferma l-pożizzjoni importanti tal-Istrateġija ta' Liżbona. B'mod preċiż, dan ir-rapport jenfasizza li ċ-ċirku virtuwż ta' parteċipazzjoni fl-impieg u l-għajxien barra l-faqar mhux dejjem hađmu kif suppost f'dan l-aħħar deċennju: l-iktar gruppi vulnerabbli, bħall-familji b'ħiliet baxxi, familji b'ġenitur wieħed, jew migranti, għadhom iħabbtu wiċċhom ma' ostakoli serji. Barra minn hekk, xi wħud mill-iżviluppi riċenti ma tawx biżżejjed attenzjoni lill-interazzjoni bejn is-swieq tax-xogħol flessibbli u l-kwalità tax-xogħol, speċjalment f'relazzjoni mal-impatt ta' dan fuq id-dimensjoni tas-sessi. Bħala konsegwenza, filwaqt li l-enfasi xorta għandu jkun fuq il-promozzjoni tat-tkabbir u tax-xogħol, il-għlieda kontra l-faqar fost it-tfal, l-involvement mill-qrib għall-inklużjoni attiva u b'mod iktar ġenerali li tiġi miġġielda s-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol u l-inkoraġġiment għall-kwalità fix-xogħol se jkollhom importanza kruċjali.

Dan ma jfissirx li spiċċat il-ħidma għall-modernizzazzjoni tal-protezzjoni soċjali: pjuttost il-kuntrarju. Billi nibnu fuq il-kisbiet ta' qabel, ir-riformi għandhom jiġu segwiti iktar u artikolati bis-sħiħ mal-istrateġiji ta' tkabbir u impieg. Il-konsolidazzjoni tar-riformi tal-pensjoni se teħtieġ iktar sforzi biex tippromwovi hađja ta' xogħol itwal, u dan tal-aħħar jibni każ b'saħħtu biex jiġu miġġielda l-inugwaljanzi fis-saħħa u jittejbu s-saħħa u s-sikurezza fuq ix-xogħol.

Il-pożizzjoni għall-promozzjoni tal-politika attiva tal-protezzjoni soċjali mhux se tiddgħajjef, anzi bil-kuntrarju, għandha tespandi għal dominji lil hinn mis-saħħa u l-pensjonijiet, u b'hekk tikseb iktar attenzjoni, u bix-xieraq, minn dawk li jfasslu l-politika.

Finalment, jekk wieħed iħares lil hinn mill-2010, jidher li l-proviżjoni ta' servizzi bażiċi li huma verament aċċessibbli u finanzjarjament sostenibbli, bħal sevizzi fil-kura tat-tfal, il-kura tas-saħħa u fit-tul, u t-tagħlim tul il-ħajja se jkun komponent ewlieni fi kwalunkwe strateġija ta' wara l-kriżi.